MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 179/2004

**Tabria Company Limited. (C8070).**

**vs.**

**Pilastri Limited. (C 8015).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 9 ta' Marzu 2004 a fol. 1 tal-process ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici kienet kriet lis-socjeta` konvenuta t-*Tower Crane stationary on chassis base (3.8 x3.8m) model POTAIN SP85A ZC16A "City";*

Illi l-kirja relattiva giet terminata unilateralment mis-socjeta` konvenuta fit-2 ta’ April 2003;

Illi s-socjeta` konvenuta ghad ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma kumplessiva ta’ wiehed u ghoxrin elf mija sebgha u tletin lira u hamsin centezmu (Lm21,137.50) rapprezentanti bilanc ta’ ammont akbar ta’ kera ghall-perjodu hmistax (15) ta’ Gunju 2000 (sena elfejn) sat-tnejn (2) ta’ April 2003 (sena elfejn u tlieta) relattiv ghall-lokazzjoni, *oltre* imghaxijiet relattivi.

Illi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellanzi kompriza l-hrug ta’ ittra ufficjali datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru elfejn u tlieta (2003) u mandat ta’ sekwestru.

Illi l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` attrici qieghda titlob f’dan l-att stess tac-citazzjoni li jigi deciz skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza.

Illi sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq mitluba, bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat fuq imsemmi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u b’dokument anness li huwa affidavit ta’ Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani kif jidher a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh nhar il-10 ta’ Marzu 2004 minn din il-Qorti kif diversament

presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-24 ta’ Marzu 2004.

Rat il-verbali kollha tas-seduti l-ohra mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-24 ta’ Marzu 2004 sat-23 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti awtorizzat lis-socjeta’ konvenuta tipprezenta nota ta’ eccezzjojnijiet f’terminru ta’ ghoxrin (20) gurnata hemm moghti.
Rat il-verbali kollha tas-seduti l-ohra mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri li saru mit-23 ta’ Gunju 2004 sal-31 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-kontro-ezamijiet da parti tas-socjeta` attrici ghas-27 ta’ Jannar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 8 ta’ Lulju 2004 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont mitlub m’huwiex kollu dovut mis-socjeta` konvenuta u dan peress illi s-socjeta` konvenuta ghamlet diversi xoghlijiet fuq inkarigu tas-socjeta` attrici ghal liema xoghlijiet is-socjeta` konvenuta ghadha ma thallsitx u dan minkejja li s-socjeta` attrici ddikjarat li se tpacihom ma’ l-ammont mitlub.

2. Illi s-socjetajiet kontendenti kienu ftiehmu li s-socjeta` konvenuta taghmel xoghol lill-attrici liema xoghol ghadu ma sarx u *nonostante* dan il-ftehim, is-socjeta` konvenuta taghmel xoghlijiet kif pattwit.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b’rizerva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta` konvenuta .

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 22 u 23 tal-process.

Rat ix-xhieda mismugha quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ta’ Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani fejn xehed u pprezenta xi

dokumenti fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2004; u fis-seduta tat-8 ta' Frar 2005.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 14 ta' Dicembru 2004 a fol. 62 tal-process li permezz taghha b'referenza ghas-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2004 esebixxa l-affidavit ta' Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani u li gie mmarkat bhala Dok "MTMV1".

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 9 ta' Marzu 2005 a fol. 72 tal-process li permezz taghha esebiet l-affidavit ta' Anton Scicluna, immarkat bhala Dok "A"; u nota ohra ta' l-istess socjeta` konvenuta datata 13 ta' April 2005 (fol. 79) li permezz taghha esebiet zewg affidavits, wiehed ta' Anton Scicluna li hu mmarkat Dok "A" u l-iehor ta' Oswald Scicluna mmarkat Dok "B".

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif illum attwalment presjeduta datata 27 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-15 ta' Mejju 2006; tat-23 ta' Mejju 2006; tal-4 ta' Ottubru 2006 fejn xehdu Anton Scicluna u Oswald Scicluna rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta Pilastri Limited. Il-kawza giet differita biex fit-terminu ta' hmistax (15)-il jum is-socjeta` konvenuta tipprezenta prospett ta' kif waslet ghall-ammont ta' circa Lm18,000 u dan permezz ta' nota, b'kopja lill-kontro-parti jew bil-*visto* ta' l-istess. Il-kawza giet differita ghad-9 ta' Novembru 2006, wara dakinhar il-kawza tmur ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' Pilastri Limited ipprezentata fir-Registru minn Dr. Stefan Zrinzo Azzopardi fis-17 ta' Ottubru 2006 a fol. 133 tal-process kif kien mitlub fis-seduta tal-4 ta' Ottubru 2006.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tad-9 ta' Novembru 2006 (fol.136) fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet u Anton Scicluna bhala rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-7 ta' Dicembru 2006.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati u d-digrieti relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' l-ammont ta' Lm21,137.50 bilanc minn somma akbar rappresentanti kera ta' *Tower Crane* ndikat fic-citazzjoni attrici ghall-perjodu bejn il-15 ta' Gunju 2000 sat-2 ta' April 2003.

Illi wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti f'din il-kawza jirrizulta li fil-fatt kien sar ftehim bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta fil-15 ta' Frar 2000 ghall-kiri mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta ta' tali krejn kif jidher indikat permezz ta' skrittura privata ta' l-istess data esebita bhala Dok. "MV1" a fol. 28 tal-process u jirrizulta li l-ammont dovut huwa spjegat fid-Dok. "MV5" a fol. 59 60 tal-process u dan kollu huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani, Direttur tas-socjeta' attrici datata 20 ta' Ottubru 2004 u l-affidavit tieghu datat 14 ta' Dicembru 2004.

Illi mill-provi jirrizulta li dan il-ftehim ma huwiex ikkontestat mis-socjeta' konvenuta li izda qed tecceppixxi li l-istess ammont ma huwiex dovut kollu peress li minnu kellu jitnaqqas il-valur ta' diversi xoghlijiet li s-socjeta' konvenuta allegat li ghamlet fuq struzzjonijiet tal-"familja Testaferrata Moroni Viani", u liema xoghlijiet skond l-affidavit ta' Anton Scicluna jammontaw ghall-valur ta' Lm10,000, u kif elenkati minnu fl-affidavit datat 7 ta' Marzu 2005, u fejn fl-istess affivadit gew indikati 7 bicciet xoghol differenti.

Illi b'affidavit iehor datat 9 ta' April 2005 l-istess Anton Sciciluna semma' li kien hemm tpacija u allega li kien

hemm ftehim f'dan is-sens ma' l-Avukat Martin Testaferrata Moroni Viani, ghan-nom tas-socjeta' attrici, sabiex il-valur ta' l-istess xoghol indikat fl-affidavit ulterjuri jitnaqqas mill-istess ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici ghall-kiri tal-*crane*, pero' l-valur tax-xoghol imsemmi f'dan it-tieni affidavit kien jammonta ghas-somma ta' Lm18,000, kif jidher a fol. 81 tal-process. Din id-darba dan l-ammont u dan it-tieni affidavit huwa kwazi identiku ghall-affidavit ipprezentat minn Oswald Scicluna datat 9 ta' April 2005. Mhux hekk biss izda fin-nota pprezentata fis-17 ta' Ottubru 2006 il-valur ta' xoghol indikat mis-socjeta' konvenuta fuq il-lantijiet hemm indikati tela' ghall-Lm19,800.

Illi din il-Qorti ma tistax taccetta din it-tezi ta' l-istess socjeta' konvenuta u dan ghal diversi ragunijiet mhux l-inqas minhabba li l-istess xhieda prodotta mill-istess socjeta' konvenuta ma hijiex kredibbli u hija nkonsistenti max-xhieda stess moghtija mir-rappresentanti ta' l-istess anke fir-rigward tal-valur li qed jallegaw li ghandu jew kellu jigi pacut.

Illi dan huwa iktar sinifikanti meta l-istess socjeta' konvenuta ecceppiet li kien hemm ftehim li parti mill-ammont hekk dovut mis-socjeta' konvenuta mertu ta' din ic-citazzjoni kellu jithallas permezz tal-valur ta' xoghol allegat mis-socjeta' konvenuta. Din l-allegazzjoni kellha tigi ppruvata mis-socjeta' konvenuta, b'dan li l-oneru ta' prova ta' tali ftehim jaqa' fuq min vanta din il-pretensjoni; oneru li din il-Qorti thoss li certament ma giex sodisfatt mill-istess socjeta' konvenuta, anke minhabba l-inkonsistenza manifestata fix-xhieda prodotta mir-rappresentanti taghha, ukoll dwar l-ammont ta' valur ta' xoghol u ma min allegatament sar dan il-ftehim. Dwar il-valur jigi nnutat li mix-xhieda biss tas-socjeta' konvenuta hemm almemu tlett valuri msemmija u fuq indikati; dwar ma min sar il-ftehim li jinkludi tpacija, bizzejjed jinghad li l-istess xhieda prodotti mis-socjeta' attrici jirreferu li dawn ix-xoghlijiet saru ghall-familja Testaferata Moroni Viani, li ovvjament ma hijiex is-socjeta' attrici u ghalhekk ukoll l-istess allegazzjoni u pretensjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta, anke kif imressqa fl-eccezzjonijiet taghha, ma

tistax tirnexxi, kemm minhabba proprju dan in-nuqqas ta' prova, u kif ukoll jekk wiehed imur fuq il-kuncett ta' tpacija, din tista' ssehh biss bejn l-istess partijiet, haga li ovvjament, u kif indikat mill-istess provi prodotti mhux il-kaz odjern.

Illi fil-fatt jekk wiehed jezamina l-azzjoni attrici fil-kuntest ta' l-eccezzjoni ta' tpacija ecceppieta mis-socjeta' konvenuta wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li kif intqal fis-sentenzi **"Macpherson Mediterranean Limited vs J. Lautier Company Limited"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Dicembru 2002) u **"Felix Mifsud vs Joseph Camilleri Fava *nomine*"** (P.A. (RCP) 31 ta' Jannar 2001) ir-regoli ta' tpacija jiddisponi li din issehh *ipso iure* skond l-**artikolu 1196 tal-Kap 16** meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, u b'hekk issir bejniethom it-tpacija *ipso iure. "Din it-tpacija ssir minghajr ma jkunu jafu d-debituri jekk ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, u d-djun jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs.* ***L-artikolu 1197 tal-Kap 16*** *jistabbilixxi li t-tpacija ssir biss bejn zewgt idjun li jkollhom somma ta' flus …li jkunu it-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu".*

Illi fis-sentenza **"Marianna Spiteri *et vs.* Joseph Vella"** (P.A. (AJM) 3 ta' Mejju 1993 – Vol. LXXVII.iii.128) inghad illi *"minn dan nara li l-eccezzjoni ta' tpacija fiha nnifisha tammonta ghall-ammissjoni tad-debitu u li dan id-debitu huwa dovut, biss ma ghandux jithallas ghax huwa pacut minn ammont iehor dovut mill-kreditur".* (**"Donald Orr *nomine vs.* Edward Gingell Littlejohn *et"*** - A.K. (C.S.) 18 ta' Gunju 1984 – LXVIII.ii.297; **"Stefan Zrinzo Azzopardi *nomine vs.* Michael Vella *nomine"*** – K. (AM 24 ta' Frar 1995 – LXXIX.iv.1371).

Illi fis-sentenza **"Onor. Carm Lino Spiteri vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** (A.C. (H.H.) 25 ta' Jannar 1988 – LXXII.iii. 157 inghad illi *"nfatti kif deciz minn din il-Qorti fl-14 ta' Jannar 1995 fil-kawza* ***"G. Schembri vs G. Chircop"*** *ma jistax ikun hemm kompensazzjoni meta z-zewg debiti ma jkunux likwidi u esigibbli (Vol. XXXIII.i.614; XXXI.i.8), b'mod illi la darba l-kreditu pretiz mill-konvenut mhux likwidu u esigibbli, huwa ma jistax jeceppixxi l-*

*kompensazzjoni. U ghalkemm il-likwidita` ta' zewg krediti mhix estrem essenzjali ghall-kompensazzjoni gudizzjali, b'danakollu, meta l-likwidazzjoni tal-kreditu dedott b'kompensazzjoni mhux facli u ma tistax issir malajr…. Din il-kompensazzjoni m'ghandhiex tigi facilment accettata mit-tribunali (Vol. XVII.iii.4)."*

Illi fil-kawza **"Paul Abela *nomine vs* Paul Laferla *nomine*"** (A.C. 18 ta' Mejju 1953) addirittura nghad li *"ma tistax tigi nvokata bhala li operat ruhha 'ipso iure' ghar-rigward ta' krediti li ma humiex ammessi mill-parti l-ohra".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-allegazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma jistghu qatt iwasslu sabiex tigi accettata l-eccezzjoni ta' tpacija, ghaliex f'dan il-kaz mhux qed jigu kkunsidrati krediti tal-partijiet rispettivi f'din il-kawza, li huma certi, likwidi, u dovuti bejniethom, izda *in verita'* dak li s-socjeta' konvenuta qed tipproponi bhala tpacija huwa biss pretensjoni u vantazzjoni min-naha taghha dwar allegat valur ta' xoghlijiet li saru ma' terzi persuni li ma humiex is-socjeta' attrici. Dan qed jinghad ghaliex certament ma saret prova ta' l-ebda ftehim li l-kreditu tas-socjeta' attrici kellu jithallas b'dan il-mod allegat mis-socjeta' konvenuta u fin-nuqqas ta' tali prova l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta ma tistax tirnexxi; fil-fatt is-socjeta' attrici hija konsistenti dwar dan ghaliex dejjem qalet u sostniet li tali kera dovuta mis-socjeta' konvenuta kellha tithallas bi flus kontanti jew hlas ghall-istess. Dan jidher li gie inkorporat anke fl-istess ftehim ghall-kera ta' l-istess krejn (datat 15 ta' Frar 2000) fejn proprju fil-paragrafu 4.2 ta' l-istess jinghad li:-

*"Under no circumstances shall any rent or other payments chargeable under this agreement, be subject to any reduction or set-off by the lessee".*

Illi dan apparti li jidher car li meta wiehed ihares ukoll lejn il-paragrafi 15.3 u 15.4 ta' l-istess ftehim, jirrizulta li kull ftehim kif allegat mis-socjeta' konvenuta, la darba kien ser jittenta ibiddel l-imsemmija skrittura tal-15 ta' Frar 2000, kellu jsir biss bil-miktub bejn iz-zewg partijiet, haga li

certament ma hijiex il-kaz fil-kawza odjerna, anke ghaliex din il-Qorti thoss li lanqas xi forma ta' ftehim verbali f'dan is-sens ma gie ppruvat mis-socjeta' konvenuta.

Illi anke jekk ghall-grazzja ta' l-argument jigi njorat dan kollu, ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-istess tpacija lanqas tista' tapplika ghaliex jirrizulta li l-allegati pretensjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma humiex diretti lejn is-socjeta' attrici, u mhux biss,  izda l-ammonti u d-diversi valuri ndikati, la huma likwidi u lanqas esegwibbli u fil-fatt kollox huwa kkontestat u b'hekk l-elementi ta' tpacija nkluzi dawk indikati fl-**artikolu 1197 tal-Kap 16** lanqas biss jezistu.

Illi ghalhekk l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta ma jistghux jigu accettati *stante* li ma jirrizultax li kien hemm xi forma ta' ftehim kif allegat mis-socjeta' konvenuta li l-ammont minnha dovut kellu jigi pacut bil-valur ta' allegati xoghlijiet; anzi jidher li lanqas gie ppruvat li l-istess xoghlijiet saru fuq inkarigu tas-socjeta' attrici, kollox kif spjegat f'din id-decizjoni. Jinghad ukoll li l-elementi ta' applikazzjoni ta' tpacija, anke dawk skond il-ligi ma gewx sodisfatti, u dan apparti li l-ftehim indikat bejn il-partijiet kien jeskludi kull tpacija salv ghal dak li nghad iktar il-fuq f'din is-sentenza. Dwar it-tieni eccezzjoni din bl-ebda mod ma giet ippruvata u wisq inqas sostanzjata.
Illi ghalhekk it-talba attrici qed tigi milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, **tilqa’ t-talba attrici fis-sens hawn premess,** b’dan illi:-

1. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq mitluba ta’ wiehed u ghoxrin elf, mija u sebgha u tletin liri Maltin u hamsin centezmu (Lm21,137.50), rapprezentanti bilanc ta‘ ammont akbar ta’ kera tat-*Tower Crane* indikat fic-citazzjoni attrici ghall-perijodu hmistax (15) ta’ Gunju 2000 (sena elfejn) sat-tnejn (2) ta’ April 2003 (sena elfejn u tlieta) relattiv ghall-kirja ndikata fl-istess citazzjoni attrici, bl-imghaxijiet legali relattivi sal-effettiv pagament u bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 29 ta’ Settembru 2003 u l-mandat ta’ sekwestru ndikat kontra s-socjeta’ konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------